



In-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

Nikkollegaw l-Ewropa rurali

www.enrd.eu



L-iżvilupp rurali fl-Unjoni Ewropea...

... jiffirma parti mill-Politika Agrikola Komuni (il-PAK) u huwa qasam tal-politika importanti ħafna: iktar minn 56 % tal-popolazzjoni tal-Istati Membri tal-UE tgħix f'żoni rurali, li jkopru 91 % tat-territorju. L-Unjoni Ewropea (L-UE) għandha 500 miljun konsumatur u dawn kollha għandhom bżonn provvista affidabbli ta' ikel bnin u nutrittiv. Il-PAK ilha li saret qasam tal-politika ewlieni tal-UE, u tevolvi b'mod kontinwu biex tindirizza sfidi ġodda, bħat-tibdil fil-klima, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u s-sostenn ta' ekonomija rurali b'saħħitha.

Il-politika tal-iżvilupp rurali għall-2007 sal-2013 tiffoka fuq tliet għanijiet, li huma:

- it-titjib fil-kompetittività tas-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija;
- it-titjib tal-ambjent u tal-kampanja; u
- it-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali u l-inkoraġġiment tad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali.

Filwaqt li tolqot dawn it-temi kollha, il-politika tfttex ukoll li tinvolvi b'mod aktar attiv lill-komunitajiet lokali fl-iżvilupp taż-żoni tagħhom stess. Il-Gruppi ta' Azzjoni Lokali (GAL) jgħaqqdu flimkien is-sħab lokali, u joħolqu u jimplimentaw strateġiji ta' żvilupp għall-komunitajiet tagħhom bl-użu tal-metodoloġija msejja "LEADER".

Kull Stat Membru joħloq Programmi nazzjonali jew reġjonali tal-iżvilupp rurali (PŻR), li jservu ta' gwida għall-implimentazzjoni tal-politika tal-iżvilupp rurali.

** L-akronimu "LEADER" ġej mill-frażi li tintuża bil-Franċiż għar-"rabtiet bejn l-azzjonijiet għall-iżvilupp tal-ekonomija rurali". L-idea hi li jinħolqu sħubijiet b'saħħithom u li titħeġġeġ il-kooperazzjoni, li twassal għall-innovazzjoni u għall-aħjar soluzzjonijiet lokali għall-problemi lokali.*

Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali...

... huwa l-fond tal-UE li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali fl-Unjoni Ewropea kollha.

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR), li jissorveljah id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea, jipprovdvi kważi nofs il-fondi ta' iktar minn 200 biljun ewro li huma disponibbli għall-programmi tal-iżvilupp rurali. Dan l-approċċ jippermetti li l-kofinanzjament tal-UE għall-iżvilupp rurali jiffoka fuq il-prijoritajiet tal-UE li jkun hemm qbil komuni dwarhom, filwaqt li jħalli biżżejjed flessibbiltà fil-livell tal-Istati Membri u f'dak reġjonali.

Tista' ssib eżempji tat-tipi ta' attivitajiet tal-iżvilupp rurali differenti li rċevew il-kofinanzjament fil-fuljetti dwar il-proġetti tal-FAEŻR maħruġin mill-ENRD: <http://enrd.ec.europa.eu/publications-and-media/eafrd-project-brochures/>





In-Network Ewropew għall-Iżvilupp Rurali...

... twaqqaf mid-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea fl-2008 biex jgħin fit-titjib tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali. In-Network Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-ENRD) jagħmel dan billi jiġġenera u jaqsam l-għarfien dwar kif il-politiki tal-iżvilupp rurali qed jaħdmu fil-prattika u kif jistgħu jittejbu, kif ukoll billi jiffaċilita l-iskambju tat-tagħrif u l-kooperazzjoni fl-Ewropa rurali kollha. L-ENRD jgħaqqad flimkien għadd ta' partijiet interessati mill-qasam tal-iżvilupp rurali, b'mod partikulari n-netwerks rurali nazzjonali (in-NRN), l-awtoritajiet tal-Istati

Membri u l-organizzazzjonijiet tal-iżvilupp rurali li jaħdmu fil-livell Ewropew.

Il-punt ta' kuntatt tal-ENRD jappoġġja d-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali fit-tmexxija tan-network, u jipprovdi l-punt fokali għall-attivitajiet tal-ENRD. Il-punt ta' kuntatt huwa bbażat fi Brussell u jaħdem fuq it-tliet elementi ewlenin tal-istrateġija tal-ENRD, jiġifieri:

- l-analiżi tal-politika;
- il-komunikazzjoni; u
- in-netwerking.



L-analiżi tal-politika tal-ENRD...

... tftitex li ttejjeb l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE għall-iżvilupp rurali. Din il-ħidma analitika hija maħsuba biex:

- iżżid il-fehim ta' kif il-politika qed taħdem fil-prattika;
- tivvaluta x'jaħdem sew u x'jista' jittejjeb; u
- tipprovdi tagħrif dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Istati Membri u fil-livell Ewropew.

Il-ħidma analitika tal-ENRD tinvolvi:

- gruppi ta' ħidma li jiġbru flimkien esperti minn Stati Membri differenti biex jaqsmu l-opinjoni tagħhom dwar suġġetti bħall-mekkaniżmi għall-finanzjament rurali u l-mekkaniżmi ta' twettiq tal-FAEŻR;
- inizjattivi, flimkien man-netwerks rurali nazzjonali, dwar suġġetti bħalma huma l-forestrija u l-intraprenditorija rurali; u
- analiżi ta' kif jaħdem l-iżvilupp rurali fil-prattika.

Tiġi analizzata firxa wiesgħa ta' suġġetti, li jvarjaw mir-rabtiet bejn l-agricoltura u l-ekonomija rurali usa' sas-servizzi ambjentali, l-innovazzjoni, l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, l-inklużjoni soċjali u ż-żgħażaġh fiż-żoni rurali.

Wieħed jista' jkollu aċċess għall-ħidma ta' analiżi tal-politika tal-ENRD mis-sit tal-internet tal-ENRD stess. It-tagħrif disponibbli jinkludi s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-gruppi ta' ħidma u fuljetti bit-tagħrif dwar l-oqsma tal-politika, flimkien ma' statistika marbuta ma' dawn l-oqsma. Għal aktar tagħrif żur is-sit tal-internet li ġej: <http://enrd.ec.europa.eu/policy-in-action/>

Il-bażi tad-dejta tal-proġetti tal-programmi tal-iżvilupp rurali fiha mijiet ta' eżempji ta' kif il-politika għall-iżvilupp rurali qed tiġi implimentata fil-prattika fl-UE kollha. Għal iktar tagħrif dwar dawn il-proġetti żur is-sit tal-internet li ġej: http://enrd.ec.europa.eu/policy-in-action/rdp_view/

Il-komunikazzjoni dwar l-iżvilupp rurali...

... hija prijorità ewlenija tal-ENRD. Sabiex il-politika dwar l-iżvilupp rurali tintwera tintuża fil-prattika, u sabiex it-tagħrif dwar x'qed jgħri f-Ewropa rurali jinqasam ma' diversi udjenzi ta' tipi differenti, jintużaw diversi mezzi ta' komunikazzjoni. L-ENRD jiddiskuti s-sejbiet tar-riċerka, l-iżviluppi tal-politika u l-istejjer lokali ta' suċċess mal-komunità involuta fl-iżvilupp rurali.

Is-sit tal-internet tal-ENRD huwa l-mezz ewlieni ta' komunikazzjoni użat u dan jgħorbi fih l-attivitajiet kollha tal-ENRD.

- Sabiex tiegħu idea ġenerali tal-politika tal-iżvilupp rurali f'kull Stat Membru, esplora l-mappa interattiva tagħna li tinsab fis-sit tal-internet li ġej: <http://enrd.ec.europa.eu/country/>
- Il-gallerija tal-midja awdjoviżiva fiha taqsima ta' albums tar-ritratti minn diversi avvenimenti, kif ukoll vidjows dwar proġetti interessanti fil-qasam tal-iżvilupp rurali: <http://enrd.ec.europa.eu/publications-and-media/media-gallery/>
- Il-portal għall-komunikazzjoni dwar l-iżvilupp rurali jagħti eżempji ta' għodod effettivi tal-komunikazzjoni li jipromwovu l-iżvilupp rurali fl-UE. Esplora dan il-portal billi żżur is-sit tal-internet li ġej: <http://enrd.ec.europa.eu/policy-in-action/communicating-rural-development/eafrd/>

Il-pubblikazzjonijiet tal-ENRD huma disponibbli f'sitt lingwi (bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bil-Franċiż, bit-Taljan u bil-Pollakk), u jinkludu:

- ir-rivista msejġha "EU Rural Review" – li tħares mill-qrib lejn oqsma differenti tal-politika rurali;
- il-magazin intitolat "ENRD Magazine" – li jgħorbi fih l-iktar stejjer riċenti kollha mill-ENRD, min-netwerks rurali nazzjonali u mill-Gruppi ta' Azzjoni Lokali fl-Ewropa kollha;
- il-fuljetti dwar il-proġetti tal-FAEŻR – li jenfasizzaw eżempji ta' proġetti ffinanzjati mill-FAEŻR li kellhom suċċess;
- il-bullettin elettroniku msejjaħ "Rur@l Newsflash" – bullettin elettroniku li jinkludi l-iktar attivitajiet riċenti tan-netwerk.

L-ENRD huwa attiv ukoll fuq il-mezzi tax-xandir soċjali: fuq il-"Facebook" (www.facebook.com/EUAgri); fuq il-"YouTube" (www.youtube.com/user/EURural); u fuq it-"Twitter" (@enrd_cp).

Biex tabbona għall-pubblikazzjonijiet tal-ENRD jew tingħaqad mal-forum ta' diskussjoni fuq l-internet imsejjaħ "opENRD", żżur is-sit tal-internet li ġej: <https://webgate.ec.europa.eu/myenrd/myenrd/>

In-networking...

... jinsab fil-qalba tal-attivitajiet tal-ENRD. Billi jlaqqa' flimkien diversi parteċipanti mill-qasam tal-iżvilupp rurali b'modi formali u informali, l-ENRD jiffaċilita l-iskambju tal-għarfien u l-qsim tal-għarfien esperti u tal-innovazzjoni.

L-effettività tan-netwerking, kemm biex jiġu involuti l-partijiet interessati u kemm biex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-politika tal-iżvilupp rurali, qed tiġi rrikonossuta dejjem aktar. L-ENRD, bħala "network tan-netwerks", għandu rwol speċjali. Biex issir taf aktar dwar is-seminars u l-laqqgħat tal-ENRD li fihom jintużaw il-metodoloġiji parteċipattivi biex titqanqal diskussjoni fost il-partiċipanti, żżur is-sit tal-internet li ġej: <http://enrd.ec.europa.eu/networks-and-networking/>

Il-metodoloġija msejġha "LEADER" hija punt fokali tal-attivitajiet tan-netwerking tagħna. Kull sena, konferenza dwar

il-metodoloġija "LEADER" tiġbor flimkien il-Gruppi ta' Azzjoni Lokali mill-Istati Membri kollha sabiex jaqsmu l-aħjar prattiki u jiddiskutu kwistjonijiet bħal kif tista' tittejjeb l-implimentazzjoni tal-istrateġiji lokali għall-iżvilupp rurali u kif jistgħu jiġu stabbiliti proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali. Il-portal tal-metodoloġija "LEADER" fuq is-sit tal-internet tal-ENRD huwa riżorsa ewlenija li tappoġġja 'l dawn l-attivitajiet, u fih wieħed isib sett ta' għodda għall-Gruppi ta' Azzjoni Lokali, tagħrif dwar l-offerti għall-kooperazzjoni, publikazzjonijiet, vidjows u ħafna affarijiet oħrajn: <http://enrd.ec.europa.eu/leader/>





Biex tirċievi l-iktar pubblikazzjonijiet riċenti tal-ENRD f'darek, trid sempliċiment tissieħeb mal-ENRD:
<https://webgate.ec.europa.eu/myenrd/myenrd/>

Żomm ruħek aġġornat mal-iktar xejriet riċenti fil-qasam tal-iżvilupp rurali billi tiegħu sehem fid-diskussjoni fil-forum imsejjaħ "opENRD":
<https://webgate.ec.europa.eu/myenrd/myenrd/>



Jekk għandek xi mistoqsijiet, ibgħat ittra bil-posta elettronika lill-ENRD fuq l-indirizz tal-posta elettronika li ġej:
info@enrd.eu

Drittijiet tal-awtur tar-ritratti: Kevin Nicholson (ritratt fil-paġna ta' quddiem), Egidijus Giedraitis (ritratt fil-paġna 2), Matej Povše / Globalphoto 123rf.com (ritratt fil-paġna 3), Johnnydevil 123rf.com / maxfx 123rf.com (ritratt fil-paġna 4), dipressionist 123rf.com / Heather Boyd 123rf.com (ritratt fil-paġna 5), Manio Folchi (ritratt fil-paġna 6), Steve Morgan (ritratt fil-paġna 7).

Għal aktar tagħrif dwar l-ENRD żur is-sit tal-internet li ġej:

www.enrd.eu

DOI 10.2762/50403

ISBN 978-92-79-28487-8



9 789279 284878



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet